

# Vincenzo Maria Cremona (1851-1912) konnessjonijiet mal-festa Qormija ta' San Ġorġ

*Kitba ta' Dr Joseph F. Grima*

Din is-sena li qegħdin fiha, jiġifieri l-2012, taħbat il-mitt sena mill-mewt tal-istatwarju Vincenzo Maria Cremona li kellu rabtiet sew ma' Ħal Qormi u l-festa ta' San Ġorġ. Fil-fatt, Cremona kien xenografu u statwarju li ħalla diversi opri msawwrin fil-kartapesta f'diversi rħula Maltin u wkoll f'Għawdex inklużi Ħal Qormi, il-Belt, il-Furjana, iż-Żurrieq, iż-Żejtun, Tas-Sliema u Victoria (Għawdex). Twieled il-belt Valletta nhar id-19 ta' Frar 1851, iben Francesco u Paola neé Bonello, iżda għex tista' tgħid ħajtu kollha f'Tas-Sliema billi l-familja tiegħu marret toqgħod hemm meta kien għadu tifel żgħir ta' madwar 5 snin. Il-formazzjoni artistika tiegħu ħadha f'Napli – fejn kien intbagħat mill-gvern Malti ta' dak iż-żmien – taħt il-Professuri Corazza, Nasi u Marchino u fl-1873 nħatar pittur xenografu tat-Teatru Rjal tal-Belt. Fis-16 ta' Ottubru 1888 iżżewweġ lil Concetta Axisa u sa hawn insibuh deskritt bħala xenografista biss. Miet fid-dar tiegħu fi *Strada Cattedrale* f'Tas-Sliema, fejn kellu wkoll l-istudjo tiegħu, fis-27 ta' Jannar 1912 fl-għomor ta' kważi 61 sena u ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.

## *Stil, Taħriġ u Teknika*

Vincenzo Cremona baqa' magħruf l-aktar bħala statwarju għalkemm il-fatt li kien xenografista tat-Teatru Rjal – fejn probabbli kienu responsabbli wkoll għall-montaturi tal-palk li kienu jinkludu statwi, diversi kostruzzjonijiet u *motifs* – u t-taħrig li ngħata f'Napli huma indikazzjoni qawwija ta' talent artistiku. L-istatwi tiegħu sawwarhom fil-kartapesta u x'aktarx li qatt ma skolpa fl-injam, ħaġa li qatt ma jsemmuha, lanqas kittieba kontemporanji. Din il-fażi tal-karriera tiegħu kienet fl-aqwa tagħha fl-aħħar 15-il sena tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin meta pproduċa ħafna statwi għat-tiżjin tat-toroq fil-festi titulari tal-postijiet (u oħrajn) li diġà semmejna.

Ma nafux minn fejn Cremona tgħallem is-sengħa tal-kartapesta – waħdu jew mingħand xi mgħallem ieħor – għalkemm intqal u nkiteb bla ebda bażi soda li din is-sengħa kisibha mingħand il-magħruf Karlu Darmanin (1825-1909). Iżda l-fatti juru mod ieħor għax il-metodu kif kien isawwar il-kartapesta Cremona, magħrufa bħala *papier-collè,* kienet differenti mit-teknika ta' Darmanin. It-teknika ta' Cremona kienet iġġib magħha xi difetti strutturali u allura x-xogħol tiegħu ma kienx sod daqs ta' statwarji oħrajn tant li numru mill-istatwi li sawwar għat-toroq intilfu mal-milja tas-snin.



L-istatwa tat-tifel San Ġorg flimkien ma' ommu Polikronia (1894). (Ritratt: J.F. Grima)



L-istatwa ta' Geronzio, missier San Ġorġ (1894) (Ritratt: J.F. Grima)

Differenza oħra li naraw fi Cremona hu l-istil li kien ġeneralment iħaddan. Fi żmienu, is-sentiment Purista kien dominanti iżda Cremona kien jippreferi l-istil psewdo-Barokk bi statwi eżuberanti ibbażati fuq l-importanza ta' ċaqliq u *affetti*, katatteristiċi li juru l-influwenza li kellu t-teatru fuq ħajtu għax, wara kollox, it-taħriġ primarju tiegħu kien ta' xenografista. Iżda diversi drabi sawwar statwi li qorbu lejn l-idjoma Purista, u dan x'aktarx bħala mezz biex jiġbed lejh kummissjonijiet ta' xogħol.

## *Vari fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ*

Cremona ħadem ukoll statwi proċessjonali. Fosthom insibu *Stella Maris*, li ntużat bejn l-1887 u l-1891, u *Madonna tad-Duluri* għal Tas-Sliema iżda din ta' l-aħħar inqerdet bil-bombi tal-gwerra fl-1942. Għal Ħal Qormi ħadem statwa ta' *San Lwiġi Gonzaga,* li m'għadhiex teżisti, u *San Franġisk t'Assisi* fuq kummissjoni tal-familja Borg, magħrufin bħala *tax-xadini,* li turi lill-qaddis għarkobbtejh qiegħed jittella' s-sema minn żewġ anġli. Hi kompożizzjoni ordinata fejn il-figura ta' San Franġisk hi modellata tajjeb b'kuntrast mal-poża u l-panniġġi anqas sodisfaċenti tal-anġli. Għalkemm kien hemm min sostna fl-imgħoddi li l-istess familja qabbdet lil Cremona jaħdem l-*Ort fil-Ġetsemani*, din il-vara hi attribwita

lil Karlu Darmanin kemm minn kittieba kontemporanji kif ukoll għal raġunijiet stilistiċi. Jekk fil-ġejjieni din il-vara tkun restawrata, mit-teknika tal-kartapesta wżata nsiru nafu darba għal dejjem min sawwarha u jinqatgħu l-polemiċi.

Fl-1891 Cremona sawwar il-figuri taż-żewġ suldati li jiffurmaw parti mill-grupp statwarju tal-vara ta' *Kristu Rxoxt.* Apparti li taħt it-tarka ta' suldat minnhom hemm tabella żgħira tar-ram bil-kliem *V. M. Cremona fecit 1891*, dawn iż-żewġ figuri kienu s-suġġett ta' artikli f'żewġ ġurnali kontemporanji (tal-1891) fejn iddeskrivewhom bħala xogħlijiet artistiċi b'dettalji anatomiċi, realistiċi u naturali. Ta min iżid li Cremona ħa ħsieb li ż-żieda tas-suldati ma naqqsux mill-attenzjoni li tingħata lill-figura eqdem ta' Kristu Rxoxt. Inħoss ukoll li l-kummisjonanti Qriema tal-1890/1 għamlu sew li qabbdu lil Cremona billi l-prodott tiegħu kien komplimentari mal-idjoma barokka tal-istatwa ta' Ġesù Rxoxtat filwaqt li artist ieħor Purista kien jispiċċa jdaħħal stil ieħor u joħloq konfużjoni artistika.

## *Għall-Festa ta' San Ġorġ*

F'Diċembru tal-1893, Cremona kien qiegħed jaħdem iż-żewġ statwi li jirraffiguraw il-ġenituri ta' San Ġorġ fejn il-qaddis jidher bħala tfajjel ma' ommu. Żanżnuhom fl-1894, eżattament 118-il sena ilu. Dari kienu jintramaw f'tarf iz-zuntier iżda llum narawhom armati maġenb il-bieb ewlieni tal-knisja parrokkjali. Hu tassew xieraq li jintramaw statwi ta' San Ġorġ fil-festa għax,



*Ritratt meħud mill-Kanonku Dun Ġwann Porsella Flores li juri l-Qormin ġejjin minn Tas-Sliema bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel fl-1906.*



*San Ġorġ fuq iż-Żiemel armat fil-post oriġinali tiegħu, kantuniera ma' Triq San Franġisk, bħala parti minn palk tal-banda. Ritratt meħud c. 1910. (Ritratt: John Frendo)*

bħalma kiteb l-istudjuż Monsinjur Dante Balboni li rajnieh fostna f'Ħal Qormi fl-1984, it-twelid ta' San Ġorġ kien "ġab ferħ lill-ġenituri Geronzio, Persjan u Polikronia mill-Kappadoċja li edukawh reliġjożament sakemm daħal fis-servizz militari." F'dawn iż-żewġ xogħlijiet, Cremona ħaddem still ta' Barokk ristrett ħafna tant li l-figura ta' Geronzio l-missier hi nieqsa minn kull moviment u l-istatwa sempliċement tħares 'l isfel lejn in-nies. Fix-xogħol l-ieħor, hemm ħarira aktar movimentar bl-id mgħollija 'l fuq ta' Polikronia, il-pożizzjoni tar-riġlejn flimkien ma' aktar ċaqlieq fil-panniġġi.

Fl-1906, Cremona sawwar statwa kbira ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel qed joqtol id-dragun. Li llum ikun hemm statwa ta' din ix-xorta fil-pjazza ta' San Franġisk

hi normali għall-Qormin. Iżda fl-1906 kienet innovazzjoni. Ma kienx jintrama fuq pedestall għoli bħal-lum iżda fuq palk armat għall-banda fuq l-istil tal-palk prinċipali ta' Pinto li naraw illum. Dan il-palk kien jintrama faċċata tal-Knisja ta' San Franġisk, kantuniera ma' Triq San Franġisk. Illum m'għadux jeżisti għalkemm parti mill-pedestall tiegħu intuża biex sar il-pedestall preżenti. Cremona hawnhekk ħoloq effett drammatiku b'żiemel movimentat sew li kien kumplimentat minn dragun kbir u l-poża mċaqilqa tal-qaddis. Kienet statwa msawra biex wieħed iħares lejha minn isfel għal fuq biex tkun tassew apprezzata u kienet eżempju ieħor tal-kapaċità li kellu Cremona fit-tiswir tat-teknika tal-kartapesta u tal-ispirazzjoni Barokka f'dak li kellu x'jaqsam ma' statwi li kienu jintramaw fit-toroq.

Din l-istatwa nħadmet f'Tas-Sliema u għadhom jeżistu żewġ ritratti li juru (i) in-nies madwar l-istatwa quddiem il-ħanut tax-xogħol ta' Cremona u (ii) lin-nies jerfgħu l-istatwa fuq l-ispalla, għax hekk ħaduha minn Tas-Sliema sa Ħal Qormi. Ġurnal lokali faħħar ħafna x-xogħol ta' Cremona billi rrefera għaliha bħala *bella opera* u kompla jgħid li l-Qormin żgur kienu kburin ħafna bl-istatwa l-ġdida tagħhom. Mal-milja tas-snin saritilha ħafna ħsarat bix-xita u x-xemx, u wkoll meta waqgħet fl-1949, tant li kienet teħtieġ bosta tiswijiet u l-istatwa kważi nbidlet għal kollox. Saret oħra ġdida fl-2003, xogħol ta' Silvio Pace minn Ħal Qormi, u l-istatwa oriġinali qed tinżamm preservata f'maħżen. Inżidu li ż-żewġ statwi l-oħrajn ta' Cremona għadhom fi stat tajjeb ħafna, naturalment wara li regolarment saritilhom il-manutenzjoni meħtieġa.

***Biblijografija:***


V. Caruana, *The Art of Papier-Mâché in Malta between the 19th and early 20th Centuries – Technical and Art Historical Considerations*, Teżi tal-MA fl-Istorja tal-Arti mhix pubblikata, Universita ta' Malta 2005.

P.P. Castagna, *Lis Storia ta Malta bil Gzejer Tahha*, Malta 1888, edizzjoni faksimili 1985.

J.F. Grima, "Opri Għall-Festa ta' San Ġorġ bejn l-1884 u l-1895", *Bejnietna*, Għadd 31, Festa 1986. "Vincenzo Maria Cremona (1851-1912)", *Bejnietna*, Għadd 35, Għid il-Kbir 1987. "Meta Saru s-Suldati ta' l-Irxoxt", *Leħen Ħal Qormi*, Għadd 13, Marzu 1990.

*Il-Habbar*, 13.xii.1894, ittra ffirmata G.M. *Malta*, 17.iv.1906

C. Psaila, *Il Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil Ġrajja Tagħha*, Malta 1937.

*Public Opinion*, 24.ii.1891.

P. Sammut, *San Ġorġ taż-Żiemel*, diskors kommemorattiv f'serata mużiko-letterarja fil-Knisja Parrokkjali San Ġorġ, 13 ta' Ġunju 2003.